

Brussell, 26 ta' Frar 2018
(OR. en)

6125/18

CFSP/PESC 137
DEVGEN 15
CLIMA 25
COPS 41
ENV 75
ONU 8
RELEX 113

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 6094/18	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima - Konklużjonijiet tal-Kunsill (26 ta' Frar 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima, adottati mill-Kunsill fit-3598 laqgħa tiegħu li saret fis-26 ta' Frar 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR ID-DIPLOMAZIJA DWAR IL-KLIMA

Il-Kunsill:

Impenn għall-multilateraliżmu/Urġenza ta' implimentazzjoni rapida tal-Ftehim ta' Pariġi

1. JENFASIZZA, f'konformità mal-Istrateġija Globali tal-UE, l-importanza kruċjali ta' ordni globali kondiviżi bbażata fuq ir-regoli, bil-multilateraliżmu bħala l-prinċipju ewlieni tagħha u bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħha u JIKKONFERMA MILL-ĠDID li l-UE ser tkompli tiggwida l-eżerċizzju globali tal-azzjoni dwar il-klima, sabiex jiġi implimentat bis-sħiħ il-Ftehim ta' Pariġi u biex tinkiseb l-Aġenda 2030, bl-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) fil-qalba tagħha.
2. JINNOTA BI TĦASSIB KBIR l-evidenza xjentifika qawwija li ġiet ippreżentata f'rapporti reċenti li tindika l-aċċelerazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-perijodu li qed jiskadi b'pass mgħaġġel li fih għandna l-opportunità li b'mod kollettiv inrażżnu ż-żieda fit-temperatura medja globali għal ferm inqas minn 2°C u li nagħmlu sforzi biex nillimitaw iż-żieda fit-temperatura sa 1.5 C ogħla mil-livelli preindustrijali; JENFASIZZA l-urġenza bla preċedent li jiġu intensifikati l-isforzi globali biex it-tibdil fil-klima jitwaqqaf u jitreġġa' lura. JISTENNA B'INTERESS ir-rapport speċjali li ġej tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar l-impatti ta' tisħin globali ta' 1.5 °C ogħla mil-livelli preindustrijali u modi relatati mal-emissjonijiet globali ta' gass b'effett ta' serra; JINNOTA BI TĦASSIB is-sejbiet reċenti tal-Kunsill tal-Artiku li l-Artiku qed jisħon b'rata ta' aktar mid-doppju tal-medja globali li qed jirriżulta f'konsegwenzi globali serji. JIRRIKONOXXI s-sejħa tas-Summit One Planet ta' Diċembru 2017 għal azzjoni aktar rapida dwar il-klima.
3. JIRRIKONOXXI li t-23 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP 23) żvelat ukoll sens dejjem jikber ta' tħassib dwar l-adeqwatezza tal-impenji globali eżistenti biex tinbidel ir-rotta; Jibqa' determinat li aħna nwettqu l-impenji tagħna meħtieġa għall-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi, ibbażat fuq sistema universali b'regoli applikabbli għal kulħadd fil-COP 24.

Indirizzar tar-rabta bejn it-tibdil fil-klima u s-sigurtà

4. JIRRIKONNOXXI li t-tibdil fil-klima għandu implikazzjonijiet diretti u indiretti għas-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali, li jaffettwaw prinċipalment dawk li jinsabu fl-aktar sitwazzjonijiet fraġli u vulnerabbli, filwaqt li jikkontribwixxu għat-telf tal-ġhajxien, iżidu l-pressjonijiet ambjentali u r-riskju ta' diżastri, jikkawżaw iċ-ċaqliq sfurzat tal-popolazzjoni u jħarrxu t-theddida ta' taqlib soċjali u politiku.
5. JINNOTA BI TĦASSIB id-deterjorament tar-riżorsi u l-ekosistemi tal-ilma tad-dinja, kif ukoll it-theddida dejjem tikber tal-iskarsezza tal-ilma, tar-riskji relatati mal-ilma u ta' avvenimenti estremi. JAGĦRAF il-ħtieġa għal sforzi internazzjonali aktar komprensivi u konċertati biex jiġu indirizzati l-aspetti relatati mal-ilma tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2013 dwar id-diplomazija tal-UE fil-qasam tal-ilma u inizjattivi bħas-Summit ta' Budapest dwar l-Ilma tal-2016, u JISTENNA B'INTERESS it-8 laqgħa tal-Kunsill Mondjali tal-Ilma mit-18 sat-23 ta' Marzu 2018 fi Brasília. JENFASIZZA l-importanza tal-kooperazzjoni transfruntiera dwar kwistjonijiet ambjentali bejn l-Istati Membri u pajjiżi sħab, speċjalment dwar valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali transkonfinali, f'konformità mal-istandards u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, speċjalment il-Konvenzjonijiet tal-UNECE ta' Espoo, ta' Aarhus u dik dwar l-Ilma.
6. JIKKONFERMA MILL-ĠDID li dment li t-tibdil fil-klima jaġixxi bħala multiplikatur tat-theddid, ir-reazzjonijiet tal-qasam tal-iżvilupp jeħtieġ li jsiru aktar sensittivi għall-konflitti l-istess bħalma l-approċċi tal-qasam tas-sigurtà jeħtieġ li jsiru aktar sensittivi għall-klima, b'mod partikolari għall-pajjiżi li huma partikolarment vulnerabbli għall-impatti tat-tibdil fil-klima u li diġà jinsabu taħt pressjoni minn sorsi naturali, soċjali jew politiċi. HUWA DETERMINAT li jkompli jintegra r-rabta bejn it-tibdil fil-klima u s-sigurtà fid-djalogu politiku, fil-prevenzjoni tal-konflitti, fl-iżvilupp u l-azzjoni umanitarja kif ukoll fl-istrategġiji għar-riskju ta' diżastri. F'dan il-kuntest, l-UE TAPPOĠĠA l-ħidma kontinwa fi ħdan il-qafas tal-G7, inkluż l-iskambju tal-aħjar prattika fil-Grupp ta' Ħidma tal-G7 dwar il-klima u l-fraġilità, u fis-sistema tan-NU, u tħeġġeġ b'mod partikolari lill-KSNU biex iżid l-enfasi tiegħu fuq ir-rabta bejn il-klima u s-sigurtà, filwaqt li tirrakkomanda li din tkun punt rikorrenti fid-deliberazzjonijiet għar-riżoluzzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-KSNU, u tikkunsidra alternattivi, inkluż fil-livell istituzzjonali, biex tissaħħaħ il-valutazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji klimatiċi fi ħdan is-sistema tan-NU.

7. JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li jiġu integrati aktar ir-reazzjonijiet effettivi għar-riskji tas-sigurtà tal-klima fl-oqsma kollha ta' politika — li jvarjaw mill-azzjoni klimatika u t-tiżiż tar-reżiljenza minn naħa, għad-diplomazija preventiva u valutazzjoni aħjar tar-riskji min-naħa l-oħra, biex tissaħħaħ ir-rabta bejn it-twissija bikrija u l-azzjoni bikrija. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u tal-art kif ukoll il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità sabiex jinżammu s-servizzi tal-ekosistema. JENFASIZZA l-importanza li l-analiżi tal-klima u tas-sigurtà tissarraf f'azzjoni possibbli, bħalma sar per eżempju bid-Dikjarazzjoni tal-Aja tal-2017 fis-serje ta' Konferenzi dwar is-Sigurtà Planetarja.
8. JISTENNA B'INTERESS l-avveniment ta' livell għoli dwar il-klima u s-sigurtà li għandu jsir fi Brussell f'Ġunju fuq l-inizjattiva tar-RGħ/VP Mogherini biex jissottolinja l-importanza dejjem akbar li jiġu indirizzati l-effetti destabbilizzanti u r-riskji tat-tibdil fil-klima u biex jikkonferma mill-ġdid l-impenn tal-UE u tas-sħab tagħha għal azzjoni rapida u ambizzjuża f'dak ir-rigward.

Impenn tal-UE permezz ta' azzjoni – fil-livelli kollha

9. JENFASIZZA li bħala pilastru tal-pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali aktar ġenerali, il-Kontributi Stabbiliti fil-Livelli Nazzjonali (NDC) huma xprun ewlieni biex azzjoni klimatika ambizzjuża tiġi integrata fit-tfassil tal-politika nazzjonali kif ukoll il-ħtieġa li l-NDCs jissarfu f'politiki u miżuri domestiċi azzjonabbli f'konformità mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi. JENFASIZZA l-ħtieġa li tiġi indirizzata d-differenza sinifikanti bejn l-effett aggregat tal-NDCs attwali f'termini ta' emissjonijiet annwali globali ta' gassijiet serra u l-perkorsi aggregati ta' emissjonijiet kompatibbli mal-għan li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm ferm aktar baxxa minn 2°C ogħla mil-livelli preindustrijali u li jiġu analizzati l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1.5 °C ogħla mil-livell preindustrijali.
10. JENFASIZZA l-adozzjoni bikrija mill-UE tal-leġislazzjoni meħtieġa biex jiġi implimentat l-NDC tagħha fil-kuntest ta' Unjoni tal-Enerġija ambizzjuża b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares 'il quddiem. JIKKONFERMA l-impenn tal-UE li tikkoopera u tiskambja esperjenzi u tagħlimiet miksuba ma' sħabha biex titħaffef l-implimentazzjoni effettiva tal-politika, inkluż permezz ta' inizjattivi bħas-sħubija tal-NDC, filwaqt li jenfasizza l-impenn tal-UE biex twettaq l-impenji tagħha ta' qabel l-2020 dwar it-tibdil fil-klima.

11. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' azzjoni ta' adattament, strateġiji u pjanijiet effettivi u effiċjenti, inkluż l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq l-ekosistema biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' adattament, tissaħħaħ ir-reżiljenza u titnaqqas il-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi. F'dan l-isfond, IFAKKAR fl-isforzi li l-UE u l-Istati Membri tagħha diġà qed jagħmlu biex isaħħu r-reżiljenza u jżidu l-kapaċità ta' adattament. L-UE TINSAB LESTA biex tkompli bil-kooperazzjoni mas-sħab kollha, inkluż l-aktar pajjiżi vulnerabbli, speċjalment il-pajjiżi l-inqas żviluppati u l-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS), sabiex il-progress jaċċellera fil-livelli kollha. IFAKKAR ukoll fir-rabta essenzjali bejn il-klima u l-oċeani, kif riflessa fil-komunikazzjoni konġunta, "Governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna".
12. L-UE ser tkompli tappoġġa, tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem anke fil-kuntest tat-tibdil fil-klima u d-diplomazija dwar il-klima. JISSOTTOLINJA li l-evidenza turi li l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħiħa u ugwali tan-nisa huma vitali biex jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli, inkluż l-adattament għat-tibdil fil-klima; JISĦAQ ukoll fuq ir-rwol li għandu jkollhom il-komunitajiet lokali fl-indirizzar tal-firxa ta' sfidi marbuta mat-tibdil fil-klima.
13. Jenfasizza li l-UE u l-Istati Membri tagħha qegħdin jipprovdu tisħiħ ta' kapaċitajiet u trasferiment tat-teknoloġija b'mod sostanzjali. JISSOTTOLINJA li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar kontributur ta' finanzjament pubbliku għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u JISĦAQ fuq il-ħtieġa għal aktar parteċipazzjoni minn firxa usa' ta' kontributori kif ukoll progress ambizzjuż rigward l-oġettiv ta' trasformazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi biex il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet ta' gassijiet serra baxxi, sikuri u sostenibbli kif ukoll żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tiegħu li jkompli jżid il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima, bħala parti mill-mira kollettiva tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt jimmobilizzaw USD 100 biljun kull sena sal-2020 mbagħad sal-2025 għal finijiet ta' mitigazzjoni u adattament, minn firxa wiesgħa ta' sorsi, strumenti u mezzi sabiex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw jiġu mgħejjuna fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet tagħhom ta' adattament u ta' mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima. JIRRIKONOXXI s-sejħa mnedija mis-summit One Planet ta' Diċembru 2017 għal żieda fil-finanzjament pubbliku kif ukoll dak privat b'appoġġ għal azzjoni aktar rapida dwar il-klima.

14. IFAKKAR fir-rabta bejn il-klima u l-iżvilupp diġà stabbilita fil-Kunsens tal-UE dwar l-Iżvilupp. F'dan il-kuntest, l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu JISSOTTOLINJAW li l-ipprezzar tal-karbonju u r-riforma tas-sussidji fuq karburanti fossili huma passi ewlenin fil-ħolqien ta' ambjent abilitanti biex il-flussi ta' finanzjament isiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra sikuri u sostenibbli kif ukoll żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima u li l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija u l-enerġija jista' jkollha rwol importanti biex tipprovdi soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli fl-indirizzar tal-isfida globali tat-tibdil fil-klima.
15. JENFASIZZA r-rwol importanti li l-atturi mhux statali jaqdu fl-azzjoni dwar il-klima. ITENNI l-impenn tal-UE li tinvolvi lil atturi mhux statali rilevanti, inkluż is-soċjetà ċivili, is-settur privat u l-gvernijiet lokali u reġjonali. JENFASIZZA r-rwol kruċjali ta' atturi mhux statali kif rikonoxxut mill-Ftehim ta' Pariġi permezz tal-Aġenda ta' Azzjoni Globali dwar il-Klima u mill-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa. JISSOTTOLINJA wkoll ir-rilevanza tal-Qafas ta' Sendai dwar it-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri. JILQA' l-Impenn Bonn-Fiji tal-gvernijiet lokali u reġjonali biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi kif ukoll l-impjenji magħmula minn istituzzjonijiet finanzjarji fis-Summit reċenti One Planet li sar f'Pariġi fejn is-settur privat kellu wkoll rwol ewlieni fil-finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u JISTENNA B'INTERESS l-involviment tas-soċjetà ċivili, in-negozji u l-amministrazzjonijiet lokali fis-Summit Mondjali li jmiss dwar l-Azzjoni Klimatika li ser isir f' Settembru 2018 f'San Francisco.

Promozzjoni, komunikazzjoni u tmexxija mill-UE

16. JENFASIZZA l-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni politika u diplomazija pubblika, sal-ogħla livelli uffiċjali, u permezz ta' diversi komunitajiet ta' politika u l-firxa sħiħa ta' atturi reġjonali u sottoreġjonali. JENFASIZZA l-importanza tal-azzjoni kontinwa u t-tmexxija mill-ekonomiji tal-G20 li kollettivament jammontaw għal madwar 80 % tal-emissjonijiet globali b'mod partikolari billi jiġi implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tal-G20 ta' Hamburg dwar il-Klima u l-Enerġija għat-Tkabbir. HUWA DETERMINAT li jsaħħaħ l-isforzi għat-tisħiħ tal-alleanzi eżistenti u jfittex oħrajn ġodda ma' pajjiżi fir-reġjuni kollha biex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima u jitħejja l-adattament għall-impatti u r-riskji dejjem akbar marbuta mat-tibdil fil-klima.
17. JISTENNA B'INTERESS il-laqgħa Ministerjali tal-2018 dwar l-Azzjoni Klimatika (MoCA) li għandha ssir fi Brussell b'mod konġunt mill-UE, il-Kanada u ċ-Ċina biex jiġu kkonfermati mill-ġdid it-tmexxija u l-impenn għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Pariġi.
18. JAPPOĠĠA t-tisħiħ tal-komunikazzjoni strateġika għal proġezzjoni u promozzjoni aħjar tal-livell għoli ta' ambizzjoni u impenn tal-UE, fil-livell domestiku kif ukoll ma' pajjiżi sħab, atturi mhux statali u l-media, u biex jinħolqu l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għal progress fin-negozjati tal-Programm ta' Ħidma tal-Ftehim ta' Pariġi u fit-tlestija tiegħu filwaqt li jiġu promossi l-benefiċċji tat-transizzjoni għal futur b'emissjonijiet ta' gassijiet serra baxxi, siguri u sostenibbli f'termini ta' tkabbir sostenibbli u impjiegi ekoloġiċi.

Koerenza tal-politika dwar it-tibdil fil-klima fl-oqsma tal-kummerċ, it-trasport u l-enerġija

19. JENFASIZZA li l-interazzjonijiet bejn il-politiki dwar it-tibdil fil-klima u politiki li jirregolaw il-kummerċ u l-investiment internazzjonali qed jiżdiedu u JENFASIZZA l-ħtieġa li ssir ħidma b'mod bilaterali u multilaterali sabiex jiġi promoss l-appoġġ reċiproku tal-politiki kummerċjali u dawk dwar il-klima, biex b'hekk jikkontribwixxu għat-transizzjoni neċessarja lejn ekonomija sigura u sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet, effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, inkluż billi jiġu indirizzati l-ostakli tariffarji u mhux tariffarji għall-kummerċ u l-investiment fl-enerġija rinnovabbli. IFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Marzu 2017 dwar it-tisħiħ tas-sinerġiji bejn id-diplomazija tal-UE dwar il-klima u dik dwar l-enerġija. B'mod partikolari, id-diplomazija dwar l-enerġija għandha taqdi rwol kruċjali fl-appoġġ għal transizzjoni sistemika lejn taħlita ta' enerġija sostenibbli li tippromwovi sorsi rinnovabbli u miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija.

20. JENFASIZZA l-ħtieġa li l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) tiegħu azzjonijiet addizzjonali rapidi u xierqa sabiex it-tbajhir internazzjonali jikkontribwixxi s-sehem ġust tiegħu għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u biex jintlaħaq ftehim f'April 2018 dwar strateġija inizjali tal-IMO għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dan għandu jiġi sostnut minn mira adegwata għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-temperatura, inkluż lista ta' miżuri kandidati għal żmien qasir, medju u twil, applikabbli bl-istess mod għall-vapuri kollha, kif miftiehem fil-pjan direzzjonali għall-iżvilupp ta' strateġija komprensiva tal-IMO dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-vapuri. JILQA' d-Dikjarazzjoni maħruġa minn Tony de Brum fl-okkażjoni tas-Summit One Planet u jenfasizza l-ħtieġa għal attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni adegwati qabel it-72 Sessjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-OMI (MEPC 72) sabiex ikompli jinbena l-momentum politiku filwaqt li tkompli l-ħidma għal eżitu b'suċċess fil-MEPC 72.
21. JAPPELLA lill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) biex tadotta regoli robusti biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA), maqbula fl-Assemblea tal-ICAO tal-2016 u biex tiżgura l-akbar parteċipazzjoni possibbli mill-Istati sabiex jintlaħaq l-oġettiv ta' tkabbir newtrali fil-karbonju mill-2020 (CNG 2020). Bħalissa dan qed jiġi kkomplementat minn miżuri oħra, bħall-avvanzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, teknoloġiji ġodda tal-inġenji tal-ajru u fjuwils alternattivi sostenibbli. Ser ikun essenzjali li politiki u programmi ta' riċerka u innovazzjoni kontinwi biex ikun possibbli l-progress teknoloġiku u t-titjib operazzjonali meħtieġa sabiex jinkiseb aktar tnaqqis fl-emissjonijiet, b'mod konsistenti mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-temperatura.

It-triq lejn COP 24

22. JIRRIKONOXXI l-progress li sar mill-Partijiet fil-Programm ta' Ħidma tal-Ftehim ta' Pariġi matul il-COP 23 ta' Fiġi. JIRRIKONOXXI WKOLL li r-regoli komuni għall-Partijiet kollha, b'referenza partikolari għall-qafas ta' trasparenza, huma essenzjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Pariġi. JIBQA' KONVINT li għad hemm il-ħtieġa għal progress sostanzjali bilanċjat fl-elementi kollha tal-Programm ta' Ħidma tal-Ftehim ta' Pariġi bil-ħsieb li jiġi ffinalizzat fil-COP24.

23. JAPPELLA għal riflessjoni kollettiva, komprensiva u konċertata dwar il-progress fil-kisba tal-oġettivi ta' adattament u mitigazzjoni miftehma, b'mod konsistenti mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-temperatura. F'dan il-kuntest JISTENNA B'INTERESS id-Djalogu ta' "Talanoa" 2018 li ser ikompli matul l-2018, kif ippreżentat mill-Presidenza ta' Fiġi fil-COP 23. ITENNI li l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri li jieħdu sehem b'mod sħiħ fid-Djalogu u JHEĠĠĠ lill-Partijiet kollha biex jużaw din l-oportunità biex jevalwaw l-isforzi kollettivi b'rabta mal-progress lejn il-miri fit-tul tal-mitigazzjoni skont il-Ftehim ta' Pariġi u biex iħejju għall-NDCs matul il-fażi politika tad-Djalogu ta' Talanoa fil-COP 24 b'enfasi fuq l-azzjoni kollettiva u l-ambizzjoni globali msaħħa. Il-COP 24 ser tkun ukoll oportunità biex jiġu evalwati l-isforzi tal-Partijiet kollha qabel l-2020. IQIS li r-rapport speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) dwar l-impatti ta' tisħin globali ta' 1.5 C ser ikun sors prezzjuż ta' informazzjoni għad-diskussjonijiet f'dan il-kuntest.
24. JENFASIZZA li l-involvement tal-partijiet interessati fuq l-aktar skala wiesa' possibbli u d-djalogu bejn is-sħab internazzjonali huma essenzjali għal implimentazzjoni f'waqtha tal-Ftehim ta' Pariġi filwaqt li titwettaq il-bidla meħtieġa fl-ekonomija globali. F'dan il-kuntest, JIDENTIFIKA d-Djalogu ta' Talanoa bħala tema ċentrali għad-diplomazija tal-UE dwar il-klima fl-2018 li ser tippermetti lill-UE u lill-Istati Membri jsaħħu l-fehim u l-fiduċja reċiproċi li jrawmu kooperazzjoni aktar b'saħħitha ma' pajjiżi sħab u ma firxa usa' ta' partijiet interessati, u biex jitlesta l-Programm ta' Ħidma tal-Ftehim ta' Pariġi fil-COP 24.
25. JAPPOĠĠA BIS-SĦIĦ lis-Segretarjat tal-UNFCCC kif ukoll lill-Fiġi u l-Polonja fil-kwalitajiet rispettivi tagħhom ta' President tal-COP23 u ta' President tal-COP24, fit-tmexxija tal-komunità globali lejn COP24 ta' suċċess, u JIBQA' determinat li jinkiseb eżitu pożittiv fil-qafas tad-Djalogu ta' Talanoa, fil-finalizzazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Ftehim ta' Pariġi u fl-Aġenda għall-Azzjoni Klimatika bħala elementi ewlenin, bl-involvement tal-UE u tas-sħab internazzjonali kollha f'azzjoni sostnuta biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima.